Nru. 17,950
Prezz Lm1.12ċ
Price Lm1.12c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 4 ta' Awissu, 2006
Friday, 4th August, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 685

PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

ATT Nru. XIII ta' l-2006 imsejjaħ l-Att ta' l-2006 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni; u

ATT Nru. XIV ta' l-2006 imsejjaħ l-Att ta' l-2006 biex jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

L-4 ta' Awissu, 2006

Nru. 686

ORDINANZA DWAR L-AKKWIST TA' ARTIJIET GĦAL SKOPIJIET PUBBLIĊI (KAP. 88)

BORD TA' ARBITRAĠĠ DWAR ARTIJIET

Nomina ta' Listi ta' Persuni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 23 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88), il-President ta' Malta fl-24 ta' Lulju 2006 innomina lill-persuni hawn taħt imsemmija biex jikkostitwixxu l-Lista ta' Arkitetti u Inġiniera Ċivili għal skopijiet ta' l-Att imsemmi għal perjodu ta' sentejn b'seħħ mill-1 ta' Awissu 2006.

Is-Sur Renè Buttigieg, A.&C.E.
Is-Sur Fredrick Valentino, A.&C.E.
Is-Sur Joseph Mizzi, A.&C.E.
Is-Sur Michelangelo Refalo, A.&C.E.
Is-Sur David Pace, A.&C.E.
Is-Sur Godfrey Vella, A.&C.E.
Is-Sur Joseph Briffa, A.&C.E.

L-24 ta' Lulju, 2006
(MJ/196/87)

GOVERNMENT NOTICES

No. 685

PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

ACT No. XIII of 2006 entitled the Education Act (Amendment) Act, 2006; and

ACT No. XIV of 2006 entitled the Code of Organization and Civil Procedure (Amendment) Act, 2006.

4th August, 2006

No. 686

LAND ACQUISITION (PUBLIC PURPOSES) ORDINANCE (CAP. 88)

LAND ARBITRATION BOARD

Appointment of Panel Members

IN exercise of the powers conferred by section 23 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance, the President of Malta on the 24th July 2006, has appointed the following persons to constitute the Panel of Architects and Civil Engineers for the purpose of the said Act for a period of 2 years with effect from 1st August 2006.

Mr Renè Buttigieg, A.&C.E.
Mr Fredrick Valentino, A.&C.E.
Mr Joseph Mizzi, A.&C.E.
Mr Michelangelo Refalo, A.&C.E.
Mr David Pace, A.&C.E.
Mr Godfrey Vella, A.&C.E.
Mr Joseph Briffa, A.&C.E.

24th July, 2006

Nru. 687

MINISTERU GĦALL-INVESTIMENT, INDUSTRIJA U T-TEKNOLOĠIJA TA' L-INFORMAZZJONI

Ħatra tal-Bord tad-Diretturi tal-Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriża

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 6, Kapitolu 463 ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriża, il-Ministru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni ħatar, għall-perjodu ta' sentejn b'seħħ mill-11 ta' Awissu 2006, il-Bord tad-Diretturi tal-Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriża kif gej:-

Chairman
Dott. Alec Mizzi

Deputat Chairman
Is-Sur George Borg

Diretturi
Is-Sur Victor Galea
Is-Sur John Magro
Ms Yvonne Pulis
Is-Sur Vince Farrugia
Is-Sur Adrian Bajada
Is-Sur Chris Grech
Is-Sur Anton Borg

L-4 ta' Awissu, 2006

No. 687

MINISTRY FOR INVESTMENT, INDUSTRY AND INFORMATION TECHNOLOGY

Appointment of the Board of Directors of the Malta Enterprise Corporation

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 6, Cap. 463 of the Malta Enterprise Corporation Act, the Minister for Investment, Industry and Information Technology has appointed for the period of two years, with effect from the 11th August 2006, the Board of Directors of the Malta Enterprise Corporation as follows:

Chairman
Dr Alec Mizzi

Deputy Chairman
Mr George Borg

Directors
Mr Victor Galea
Mr John Magro
Ms Yvonne Pulis
Mr Vince Farrugia
Mr Adrian Bajada
Mr Chris Grech
Mr Anton Borg

4th August, 2006

Nru. 688

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Aġent Direttur ta' l-Ippjanar

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tgħarraf li s-Sur Matthew Gatt, B.Mech Eng (Hons), MSc, assuma d-dmirijiet ta' Aġent Direttur ta' l-Ippjanar skond artikolu 6(1) ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp b'seħħ mill-1 ta' Ġunju, 2006, fl-assenza temporanja tal-Perit Christopher Borg, BE&A (Hons), PG Dip Env Mgt, MSc Env Mgt & Plan A&CE.

L-4 ta' Awissu, 2006

No. 688

THE MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Acting Director of Planning

THE Malta Environment and Planning Authority notifies that Mr Matthew Gatt, B.Mech Eng (Hons) MSc, has assumed the duties of Director of Planning in an acting capacity as per article 6(1) of the Development Planning Act with effect from 1st June, 2006 in thae temporary absence of Mr Christopher Borg, BE&A (Hons), PG Dip Env Mgt, MSc Env Mgt & Plan A&CE.

4th August, 2006

Nru. 689

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjonijiet li għandhom bżonn avviż ta' stima ta' l-impatt ambjentali skond l-artikolu 7(4) tar-Regolamenti dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 204/2001)

L-APPLIKAZZJONI hawn taħt imsemmija teħtieġ Stima ta' l-Impatt Ambjentali. L-applikazzjoni hija miġbura skond il-lokalità u tinkludi n-numru ta' l-applikazzjoni, it-titlu ta' l-iżvilupp u l-isem ta' l-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċji ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana, waqt il-ħinijiet tal-ftuħ.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St. Francis Ravelin, il-Furjana, dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima ta' l-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandhom ikollhom id-dettalji ta' l-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu għand l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sa tliet ġimgħat mid-data dan l-avviż. Aktar informazzjoni tistab fuq il-*website* ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: www.mepa.org.mt/EIA-Malta.

Sit fi Triq Valletta, Ħal Qormi	PA 00085/05	Bini ta' razzett għat-trobbija tal-fniek Is-Sur Albert Cassar
Site at Valletta Road, Qormi	*PA 00085/04*	*Erection of rabbit breeding units* *Mr Albert Cassar*

L-4 ta' Awissu, 2006

No. 689

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Applications that require an environmental impact assessment notice in accordance with section 7(4) of the Environmental Impact Assessment (2001) Regulations (Legal Notice 204/2001)

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. A copy of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana, during office hours.

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within 3 weeks from this notice. More information can be obtained from the Malta Environment and Planning Authority website: www.mepa.org.mt/EIA-Malta.

4th August, 2006

Nru. 690

MINISTERU TAL-FINANZI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-regolament 13 (1) (b) tat-Tlettax -il Skeda (Riċevuti Fiskali) ta' l-Att ta' l-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jgħarraf illi ġew approvati r-*registers* fiskali li ġejjin:-

Għamla *Brand*	Mudell *Model*	Fornitur *Supplier*
Casio	FE - 5000	S G Solutions Ltd 3rd Floor Gasan Centre Mriehel Bypass Mriehel BKR 14

L-4 ta' Awissu, 2006

No. 690

MINISTRY OF FINANCE

IN exercise of the powers conferred by regulation 13 (1) (b) of the Thirteenth Schedule (Fiscal Receipts) of the Value Added Tax Act 1998, the Commissioner of Value Added Tax hereby notifies that the following fiscal registers have been approved:-

4th August, 2006

Nru. 691

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

No. 691

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
28. 07. 06	Lm6.96c4	13c5
31. 07. 06	Lm6.96c7	13c5
01. 08. 06	Lm6.95c2	13c5
02. 08. 06	Lm7.04c0	13c8
03. 08. 06	Lm7.13c4	14c4

L-4 ta' Awissu, 2006

4th August, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 76

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali101/97, it-triq imsemmija hawn taħt se tkun meqjusa bħala Żona ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u parkeġġ ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

San Ġiljan

Nhar it-Tnejn, il-21 ta' Awissu 2006, bejn is-7.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Lapsi, il-Kbira,Pjazza Qalb ta' Ġesù, San Ġorġ, Mikiel Anġ Borġ, Mensija, Forrest, Reġjonali sa ħdejn il-daħla tal-Mini u sa taħt il-Pont Manwel Dimech.

Nhar l-Erbgħa, it-23 ta' Awissu 2006, bejn is-7.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Lapsi, it-Telgħa ta' Birkirkara, San Mark u San Mikiel.

Nhar l-Erbgħa, it-23 ta' Awissu 2006, bejn is-7.00 p.m. d-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, il-Karmnu, Sant' Anġlu, Lapsi sal-Knisja ta' Lapsi.

POLICE NOTICE

No. 76

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the street listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

St Julian's

On Monday, 21st August 2006, between 7.00 p.m. and midnight through the following streets: Lapsi, il-Kbira,Pjazza Qalb ta' Ġesù, San Ġorġ, Mikiel Anġ Borġ, Mensija, Forrest, up to Regional Road entrance into the tunnels up to under the Manwel Dimech Bridge.

On Wednesday, 23rd August, 2006, between 7.00 p.m. and midnight through the following streets: Lapsi, it-Telgħa ta' Birkirkara, San Mark and San Mikiel.

On Wednesday, 23rd August 2006, between 7.00 p.m. and 9.00 p.m. through the following streets: il-Kbira, il-Karmnu, Sant' Anġlu, Lapsi up to Lapsi Church.

Nhar il-Ħamis, l-24 ta' Awissu 2006, mis-7.00 p.m. u n-00.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, il-Karmnu, Pjazza Qalb ta' Ġesù, Wied Għomor, Forrest, Mensija, Spinola u San Ġorġ sa Trejqet San Ġorġ.

Nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Awissu 2006, mis-7.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Elija Zammit, Dragonara, Wilġa, il-Knisja, Schreiber, Vjal Paceville, Ross u San Ġorġ sal-Bajja ta' Spinola.

Nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Awissu 2006, mis-7.30 p.m. u n-00.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: Telgħet Birkirkara, Sant' Anġlu, Lapsi, il-Kbira, San Ġorġ sal-Każin tal-Banda san Ġiljan.

Nhar is-Sibt, is-26 ta' Awissu 2006, mis-7.30 p.m. u s-01.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Lapsi, Sant'Anġlu, il-Karmnu, San Elija, il-Kbira, Ġorġ Borg Olivier u San Ġorġ sal-Każin tal-Banda San Ġiljan.

Nhar is-Sibt, is-26 ta' Awissu 2006, mis-7.30 p.m. u n-00.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: Ġorġ Borg Olivier (Ħdejn is-City of London Bar) sa San Ġorġ ħdejn il-Każin tal-Banda.

Nhar is-Sibt, is-26 ta' Awissu 2006, mill-5.30 p.m. sas-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: mill-Knisja l-Antika ta' Lapsi, Lapsi sal-Knisja Parrokkjali.

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Awissu 2006, mill-10.00 a.m. sa 3.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Mikiel Ang Borg minn Pjazza Qalb ta' Ġesù sa l-entratura tal-mini ta' Triq Reġjonali kif ukoll sa taħt il-Pont Manwel Dimech), San Ġorġ, (minn ħdejn il-Knisja tal-Kunċizzjoni), Pjazza Qalb ta' Ġesù, il-Kbira u Ġorġ Borg Olivier .

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Awissu 2006, mis-6.00 p.m. sa nofs il-lejl mit-toroq li ġejjin: mill-Knisja Parrokkjali, Forrest, Mensija, San Ġorġ, il-Kbira, Lapsi, Sant' Anġlu, Telgħet Birkirkara, Ġorġ Borg Olivier u l-Pjazza tal-Qalb ta' Ġesù.

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Awissu 2006, mis-6.00 p.m. sa nofs il-lejl mit-toroq li ġejjin: Ġorġ Borg Olivier, San Ġorġ sal-każin tal-Banda San Ġiljan, u wara minn Pjazza tal-Qalb ta' Ġesù, Wied Għomor sal-Knisja Parrokkjali.

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Awissu 2006, mis-6.00 p.m. sa nofs il-lejl mit-toroq li ġejjin: Mikiel Anġ Borg, (minn Pjazza Qalb ta' Ġesu sa Reġjonali ħdejn l-entratura tal-Mini u sa taħt il-Pont Manwel Dimech), Forrest, Mensija, San Ġorg, il-Kbira, Lapsi, Sant' Anġlu, Telgħet Birkirkara, Ġorġ Borg Olivier, Pjazza tal-Qalb ta' Ġesù, Wied Għomor sal-Knisja Parrokkjali.

On Thursday, 24th August 2006, between 7.00 p.m. and 00.30 a.m. through the following streets: il-Kbira, il-Karmnu, Pjazza Qalb ta' Ġesù, Wied Għomor, Forrest, Mensija, Spinola and San Ġorġ and San Ġorġ Junction.

On Friday, 25th August 2006, between 7.00 p.m. and midnight through the following streets: ElijaZammit, Dragonara, Wilġa, il-Knisja, Schreiber, Vjal Paceville, Ross and San Ġorġ up to Spinola Bay.

On Friday, 25th August 2006, between 7.30 p.m. and 00.30 a.m. through the following streets: Telgħet Birkirkara, Sant' Anġlu, Lapsi, il-Kbira, San Ġorġ up to the Band Club.

On Saturday, 26th August 2006, between 7.30 p.m. and 1.00 a.m. through the following streets: Lapsi, Sant'Anglu, il-Karmnu, San Elija, il-Kbira, San Ġorġ, Ġorġ Borg Olivier up to the St Julian's Band Club.

On Saturday, 26th August 2006, between 7.30 p.m. and 00.30 a.m. through the following streets: Ġorġ Borġ Olivier, (Opposite City of London Bar), San Ġorġ up to the Band Club.

On Saturday, 26th August 2006, between 5.30 p.m. and 07.00 p.m. through the following streets: Lapsi Church, along Lapsi Street, up to the Parish Church.

On Sunday, 27th August, 2006, between 10.00 a.m. and 3.00 p.m. through the following streets: Mikiel Ang Borg from Pjazza Qalb ta' Ġesù up to Regional Road entrance of Tunnels and also up to underneath Manwel Dimech Bridge), San Ġorġ (near the Immaculate Conception Church), Pjazza Qalb ta' Ġesù, il-Kbira and Ġorġ Borg Olivier.

On Sunday, 27th August, 2006, between 6.00 p.m. and midnight through the following streets: from Parish Church, Forrest, Mensija, San Ġorġ, il-Kbira, Lapsi, Sant' Anġlu, Telgħet Birkirkara, Ġorġ Borg Olivier and il-Pjazza tal-Qalb ta' Ġesù.

On Sunday, 27th August, 2006, between 6.00 p.m. and midnight through the following streets: Ġorġ Borg Olivier, San Ġorġ up to St Julian's Band Club, and later on from Pjazza tal-Qalb ta' Ġesù up Wied Għomor to the Parish Church.

On Sunday, 27th August, 2006, between 6.00 p.m. and midnight through the following streets: Mikiel Anġ Borg, (from Pjazza Qalb ta' Ġesu up to Regional Road tunnels entrance and also up to underneath Manwel Dimech Bridge), Forrest, Mensija, San Ġorg, il-Kbira, Lapsi, Sant' Anġlu, Telgħet Birkirkara, Ġorġ Borg Olivier, Pjazza tal-Qalb ta' Ġesù, Wied Għomor up to the Parish Church.

Il-Birgu

Nhar l-Erbgħa, it-23 ta' Awissu 2006, mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Mina l-Kbira u quddiem il-Każin tal-Banda Prince of Wales.

Nhar il-Ħamis, l-24 ta' Awissu 2006, mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Boffa, l-Mina l-Kbira, it-Torri ta' San Ġwann, Biswit il-Kwartier, Pace Scicluna, Papa Alex, Nofsinhar, Mistral, H. Tabone, Santa Scolastica, Sagra Infermerija, La Valette, il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, Sant' Antnin u Pjazza Vitorja.

Nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Awissu 2006, mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Mina l-Kbira, Kardinal u Desain, Pjazza Vitorja.

Nhar is-Sibt, is-26ta' Awissu 2006, mid-9.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Boffa, il-Mina l-Kbira, Pjazza Vitorja, San Filippu, La Valette, Sagra Infermerija, Santa Scolastica, H. Tabone, il-Kwartier, Pace Scicluna, Quddiem il-Kwartier u l-Palazz ta' l-Isqof.

Nhar is-Sibt, is-26 ta' Awissu 2006, mis-6.00 p.m.'il quddiem mit-toroq li ġejjin: N. Laiviera, Pjazza Vitorja, l-Mina l-Kbira u t-Torri ta' San Ġwann.

Nhar il-Ħadd, is-27 ta' Awissu 2006, mil-4.00 p.m.'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Boffa, il-Mina l-Kbira, Katidral, Desain, Pjazza Vitorja, l-Palazz ta' l-Isqof, Quddiem il-Kwartier, it-Torri ta' San Ġwann, La Valette, Sagra Infermerija, Santa Scolastica, H. Tabone, Misraħ ir-Rebħa, il-Mina u San Filippu.

Huwa projbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq fid-dati u l-ħinijiet indikati. Vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Tas-Sliema

Nhar l-Erbgħa, is-16 ta' Awissu 2006, mil-5.00 p.m. 'il quddiem mix-Xatt, minn quddiem l-iSquare Deal sa Triq il-Katidral u quddiem Għar id-Dud.

Nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Awissu 2006, mil-5.00 p.m. sa nofsillejl mix-Xatt, minn quddiem l-Square Deal sa Triq il-Katidral.

Nhar is-Sibt, id-19 ta' Awissu 2006, mill-5.00 p.m. sa nofsillejl mix-Xatt, minn quddiem l-Square Deal sa Triq il-Katidral.

Nhar il-Ħadd l-20 ta' Awissu 2006, mit-8.00 a.m. sat-3.00 p.m. mix-Xatt, minn Square Deal sa Triq il-Katidral.

Vittoriosa

On Wednesday, 23rd August 2006, from 6.00 p.m. onwards through the following streets: il-Mina l-Kbira and in front of Prince of Wales Band Club only.

On Thursday, 24th August, 2006, from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Boffa, l-Mina l-Kbira,it-Torri ta' San Ġwann, Biswit il-Kwartier, Pace Scicluna, Papa Alex, Nofsinhar, Mistral, H. Tabone, Santa Scolastica, Sagra Infermerija, La Valette, il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, Sant' Antnin and Pjazza Vitorja.

On Friday, 25th August 2006, from 6.00 p.m. onwards through the following streets: il-Mina l-Kbira, Kardinal, Desain and Pjazza Vitorja.

On Saturday, 26th August, 2006, from 9.00 a.m. onwards through the following streets: Boffa, il-Mina l-Kbira, Pjazza Vitorja, San Filippu, La Valette, Sagra Infermerija, Santa Scolastica, H. Tabone, il-Kwartier, Pace Scicluna, Quddiem il-Kwartier and il-Palazz ta' l-Isqof.

On Saturday, 26th August, 2006, from 6.00 p.m. onwards through the following streets: N. Laiviera, Pjazza Vitorja, il-Mina l-Kbira and it-Torri ta' San Ġwann.

On Sunday, 27th August, 2006, from 4.00 p.m. onwards through the following streets: Boffa, il-Mina l-Kbira, Katidral, Desain, Pjazza Vitorja, l-Palazz ta' l-Isqof, Quddiem il-Kwartier, it-Torri ta' San Ġwann, La Valette, Sagra Infermerija, Santa Scolastica, H. Tabone, Misraħ ir-Rebħa, il-Mina and San Filippu.

Vehicles are not allowed to be parked on the dates and times at the indicated streets, Vehicles parked are subject to towing.

Sliema

On Wednesday, 16th August, 2006, from 5.00 p.m. to midnight through the Strand from Square Deal up to Triq il-Katidral and infront Għar id-Dud.

On Friday , 18th August, 2006, from 5.00 p.m. to midnight through the Strand from Square Deal up to Triq il-Katidral.

On Saturday, 19th August, 2006, from 5.00 p.m. to midnight through the Strand from Square Deal up to Triq il-Katidral.

On Sunday, 20th August, 2006, from 8.00 a.m. to 3.00 p.m. through the Strand from Square Deal up to Triq il-Katidral.

Il-pubbliku ġenerali huwa mgħarraf li parkeġġ ta' vetturi hu pprojbit nhar il-Ħadd, l-20 ta' Awissu, 2006 mis-2.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, San Vinċenz, ix-Xatt, it-Torri u l-Katidral.

Vetturi misjuba pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq jiġu rmunkati.

Il-pubbliku ġenerali huwa mitlub biex jobdi l-ordnijiet mogħtija u jimxi skond l-iskema l-ġdida tat-traffiku li tkun fis-seħħ matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Raħal Ġdid

Nhar is-Sibt id-19 ta' Awissu 2006, mit-3.00 p.m. 'il quddiem minn Triq il-Belt Valletta u Telgħa ta' Raħal Ġdid.

Nhar il-Ħadd l-20 ta' Awissu 2006, mis-2.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Brittania, id-Dgħajjes, Windsor, Cameron, it-Telgħa ta' Raħal Ġdid, il-Ġdida, Arcade, Ninu Cremona, il-Foss, Valletta, il-Perit Tortell sal-Knisja Parrokkjali ta' Lourdes.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-4 ta' Awissu, 2006

The general public is being notified that parking of vehicle on Sunday, 20th August, 2006 from 2.00 p.m. onwards is prohibited through the following streets: il-Kbira, San Vinċenz, ix-Xatt, it-Torri and il-Katidral.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

The general public is requested to follow directions given and the new traffic scheme in operation during the said dates and times.

Paola

On Saturday 19th August 2006, from 3.00 p.m. onwards through Triq il-Belt Valletta and Telgħa ta' Raħal Ġdid.

On Sunday 20th August 2006, from 2.00 p.m. onwards through the following streets: Brittania, id-Dgħajjes, Windsor, Cameron, it-Telgħa ta' Raħal Ġdid, Arcade, Ninu Crenona, il-Foss, Valletta, il-Perit Tortell, and up to Lourdes Parish Church.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

4th August, 200

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 77

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żebbuġ - Għawdex

Nhar it-Tlieta, it-8 ta' Awissu 2006, mis-6.30 p.m. minn Triq il-Knisja, Pjazza l-Assunta, Għajn Mhelhel u l-Madonna taċ-Ċiċri.

Nhar l-Erbgħa, is-16 ta' Awissu 2006, mill-4.00 p.m. minn Pjazza l-Assunta.

Nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Awissu 2005 u nhar is-Sibt, id-19 ta' Awissu 2006 mid-9.00 a.m. minn Pjazza l-Assunta.

Nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Awissu 2006 mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Knisja, Ponta, Goma, Għajn Mhelhel, Żaki u l-Madonna taċ-Ċiċri.

POLICE NOTICE

No. 77

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Żebbuġ - Gozo

On Tuesday, 8th August 2006, from 6.30 p.m. at Triq il-Knisja, Pjazza l-Assunta, Għajn Mhelhel and il-Madonna taċ-Ċiċri.

On Wednesday, 16th August 2006, from 4.00 p.m. through Pjazza l-Assunta.

On Friday, 18th August 2006 and Saturday, 19th August 2006 from 9.00 a.m. through Pjazza l-Assunta.

On Friday, 18th August 2006, from 6.00 p.m. through the following streets: il-Knisja, Ponta, Goma, Għajn Mhelhel, Żaki and il-Madonna taċ-Ċiċri.

Nhar is-Sibt, id-19 ta' Awissu 2006 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Knisja, Pjazza Qalb ta' Ġesu, Goma, Għajn Mhelhel, Żaki u l-Madonna taċ-Ċiċri.

Nhar il-Ħadd, l-20 ta' Awissu 2006 mit-8.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: il-Knisja, Għajn Mhelhel, il-Madonna taċ-Ċiċri, Pjazza l-Assunta, l-Għażżiela u Żaki.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

L-4 ta' Awissu, 2006

On Saturday, 19th August 2006, from 6.00 p.m. through the following streets: il-Knisja, Pjazza Qalb ta' Ġesu, Goma, Għajn Mhelhel, Żaki and il-Madonna taċ-Ċiċri.

On Sunday, 20th August 2006 from 8.00 a.m. through the following streets: il-Knisja, Għajn Mhelhel, il-Madonna taċ-Ċiċri, Pjazza l-Assunta, l-Għażżiela and Żaki.

The parking of vehicles along the above streets is prohibited and vehicles found parked there will be towed.

4th August, 2006

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 31 ta' l-2006

Pont ta' Dgħajjes bejn Għawdex u Kemmuna

Kumitat volontarju bl-isem "The Bridge" se jorganizza attività għal skop ta' karità u jifforma pont ta' dgħajjes bejn Ġebel taċ-Ċawl (Għawdex) u West Cardinal Mark (Kemmunett): kif hemm b'mod approssimattiv fiċ-*chart* murija fuq il-*website* imsemmi aktar 'il quddiem. Biex titwettaq din l-attività se jintuża kull tip ta' inġenji tal-baħar u jottijiet. Din l-attività tifforma linja li tgħaqqad il-pożizzjonijiet mill-Ġebel taċ-Ċawl (il-Qala, Għawdex) sa West Cardinal Mark (Kemmunett).

Għadd ta' braken twal 30 metru l-waħda se jitqiegħdu f'intervalli ndaqs ta' 0.357 mili nawtiċi 'l bogħod minn xulxin matul il-linja msemmija aktar qabel. Se jintrabat ħabel f'wiċċ l-ilma bejn il-braken sabiex iservi ta' gwida għall-inġenji tal-baħal li jkunu jieħdu sehem nhar is-Sibt, il-5 ta' Awissu, 2006.

Jekk it-temp jippermetti din l-attività se ssir nhar is-Sibt, il-5 ta' Awissu 2006 u għandha ddum il-ġurnata kollha. Il-braken jistgħu jibqgħu f'posthom sa nhar it-Tnejn, is-7 ta' Awissu, 2006. Il-baħħara għandhom għandhom jiftakru li jistgħu jaraw il-braken imsemmija sa nhar it-Tnejn, is-7 ta' Awissu 2006 u li fil-5 ta' Awissu 2006 l-ebda iġenji tal-baħar ma jkunu jistgħu jaqsmu l-linja msemmija hawn fuq. L-inġenji kollha tal-baħar għandhom ikunu strettament konformi ma' l-istruzzjonijiet mogħtija mill-*patrol boat* fl-inħawi.

Minħabba dan ta' fuq, mogħdija mill-fliegu ta' Kemmuna se jkun magħluq għall-inġenji kollha tal-baħar għajr dawk li jkunu jieħdu sehem fl-attività u dawk b'permess speċjali mid-direttur Eżekuttiv (Portijiet).

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal *WGS 84 DATUM.*

Wieħed jista' jara parti miċ-*chart* fuq il-*website* ta' l-Awtorita Marittima ta' Malta fuq:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

L-4 ta' Awissu, 2006

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 31 of 2006

Boat Bridge between Gozo and Comino

A voluntary committee named "The Bridge" will be organizing an activity in aid of charity to build a boat bridge between Ġebel taċ-Ċawl (Gozo) and West Cardinal Mark (Cominotto): approximately as per chart which can be seen on the website mentioned hereunder. To carry out this event all types of marine craft and yachts will be used. This event will form a line joining the positions from Ġebel taċ-Ċawl (Qala, Gozo) to West Cardinal Mark (Cominetto).

A number of 30 metre long barges will be placed at even intervals of 0.357 Nautical Miles apart along the above-mentioned line. A floating rope will be tied between the barges in order to serve as guide to the participating craft on Saturday, 5th August 2006.

Weather permitting this event will take place on Saturday, 5th August 2006 and is expected to last all day. The barges may remain in position up till Monday, 7th August 2006. Mariners are to note that they may encounter the said barges up to Mondy 7th August 2006 and that on the 5th August 2006 no craft may cross the above-mentioned line. All craft are to strictly comply with instructions given by patrol craft in the area.

In view of the above, passage through the Comino Channel is closed to all craft except those participating in the event and those with special permission from the Executive Director (Ports).

Positions are referred to WGS 84 DATUM.

Part of chart can be seen on the website of the Malta Maritime Authority at:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

4th August, 200

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 32 ta' l-2006

Wirja ta' Logħob tan-Nar f'Dockyard Creek fil-Port il-Kbir

Se ssir wirja ta' logħob tan-nar bejn nhar it-Tlieta, it-8 ta' Awissu 2006 u l-Ħamis l-10 ta' Awissu 2006 'l hinn minn Sant'Anġlu f'Dockyard Creek.

Il-logħob tan-nar se jinħaraq minn fuq tliet braken irmiġġati fil-pożizzjonijiet li ġejjin:

Latitude (T) *Latitude (N)*
35° 53'.531

Il-ħinijiet tal-ħruq se jkunu kif ġej:

It-8 ta' Awissu 2006 bejn id-9.00 p.m. u l-10.00 p.m.
Id-9 ta' Awissu 2006 bejn id-9.30 p.m. u l-11.30 p.m.
L-10 ta' Awissu 2006 bejn is-7.00 p.m. u t-8.00 p.m.

Is-sidien ta' l-inġenji tal-baħar u għawwiema huma mwissija biex iżommu 'l bogħod b'distanza ta' mhux anqas minn raġġ ta' 200 metru mill-post minn fejn se jinħaraq il-logħob tan-nar waqt il-wirja tal-logħob tan-nar imsemmija.

It-tbaħħir fil-Port il-Kbir għandu jsir b'attenzjoni u bil-mod. Il-baħħara huma mwissija biex jobdu l-istruzzjonijiet mogħtija mill-Valletta Port Control.

Qed issir riferenza għal parti minn BA *Chart* 177 murija fuq il-*website* ta' l-Awtorità:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal *WGS 84 DATUM*.

L-4 ta' Awissu, 2006

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 32 of 2006

Firework Displays at Dockyard Creek in the Grand Harbour

Firework displays will be held between Tuesday 8th August 2006 and Thursday 10 August 2006 off St Angelo Point in Dockyard Creek.

The fireworks will be let off from three barges moored at the following positions:

Longitude (L) *Longitude (E)*
14° 30'.988

The timing of the fireworks will be as follows:

8th August 2006 between 9.00 p.m. and 10.00 p.m.
9th August 2006 between 9.30 p.m. and 11.30 p.m.
10th August 2006 between 7.00 p.m. and 8.00 p.m.

All masters of craft and bathers are warned to keep clear off a distance of not less than 200 metres radius from the firing site during the above-mentioned display.

Navigation within the Grand Harbour is to proceed with caution and slow speed. Mariners are warned to obey instructions given by Valletta Port Control.

Refer to part of BA Chart 177 shown on the Authority's website:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Positions are referred to WGS 84 DATUM.

4th August, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi - *Lecturing Staff*
***Casual Substitute Lecturer* fil-Franċiż**

Il-Kulleġġ Malti ta' l-arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għal-*lecturing staff* fil-Franċiż.

L-applikanti għandu jkollhom lawrja fil-B.Ed. (Hons.) bl-ispeċjalizzazzjoni fil-Franċiż, jew B.A. fil-Franċiż, u possibbilment PGCE.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies - Lecturing Staff
Casual Substitute Lecturer – French

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications for lecturing staff in French.

Applicants should be holders of a B.Ed. (Hons.) degree with a specialisation in French, or a B.A. in French and, possibly, a PGCE.

L-applikant magħżul ikun meħtieġ li jiffirma kuntratt definit *full-time* għal sena, jew inkella tnejn min-nies jew aktar jinġu ingaġġati fuq kuntratt ta' ħinijiet imnaqqsa għal perjodu definit ta' sena.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni mimlija, flimkien ma' l-*employment history sheet* tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, l-14 ta' Awissu, 2006. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu online u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, il-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid.

(Permess ta' l-ETC 119/2006)

L-4 ta' Awissu, 2006

The selected applicant will be required to sign a one-year definite full-time contract. Alternatively, two or more people will be engaged on a reduced hours contract for a definite period of one year.

Prospective candidates are invited to submit the completed application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 14th August 2006, at noon. Late applications will not be considered.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office, MCAST, Corradino Hill, Paola are to be addressed to The Human Resourses Office, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08.

(ETC Permit 119/2006)

4th August, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi - *ICT Lecturing Staff*

Il-Kulleġġ Malti ta' l-arti, Xjenza u Teknoloġija jeħtieġ *Lecturing staff, full-time* fl-Istitut tat-Teknoloġija ta' l-Informatika u Komunikazzjoni.

Kandidati għandu jkollhom kapaċitajiet tajbin fil-komunikazzjoni u jkunu kwalifikati f'wieħed jew iżjed mill-oqsma li ġejjin:

Computer Systems and Architecture
Software Development (VB. Net C, Net, Java, ASP.Net)

Tingħata preferenza lill-kandidati bi kwalifika ta' *software-oriented industry*.

Ommijiet bi tfal żgħar li jixtiequ jkollhom post fil-*lecturing* jista' jkollhom kuntratt b'ħinijiet imnaqqsa.

Dan jitlob għal *lecturing personnel* motivat ħafna li qed jaħdmu biex jkollhom karriera tajba f'organizzazzjoni li qed tikber malajr u tħares dejjem 'il quddiem. Il-kandidat magħżul għandu jkun kompetenti biex jgħaddi l-istudenti it-tgħarif u ħiliet prattiċi li huma essenzjali għall-ekonomija ta' l-informatika tal-lum.

Il-Kulleġġ qed joffri il-kundizzjonijiet ta' xogħol li ġejjin:
Salarju tajjeb
Total ta' ħamsin ġurnata *leave* fis-sena
L-opportunità biex iżżomm aġġornat ma' l-aħħar teknoloġija

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies - ICT Lecturing Staff

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit, in the Institute of Information and Communication Technology, full-time Lecturing staff.

Candidates must have good communication skills and be qualified and experienced in one or more of the following areas:

Computer Systems and Architecture
Software Development (VB. Net C, Net, Java, ASP.Net)

Preference will be given to candidates with a software-oriented industry qualification.

Mothers with young children who wish to take up a lecturing post may avail themselves of a reduced hours contract.

This calls for highly motivated lecturing personnel who are striving to make a good career with a fast-growing and forward-looking organization. The selected candidates will be competent in imparting to students the knowledge and practical skills which are essential for today's information economy.

The College is offering the following working conditions:
An attractive salary
A total of fifty days leave per annum
The chance to keep yourself updated with the latest technologies

Kors ta' Taħriġ għal Għalliem Vokazzjonali biex jipprovdi l-kapaċitajiet pedagoġiċi meħtieġa.

L-istitut ta' l-ICT joffri lill-istudenti *hands-on approach with a 1:1 student to computer ratio*.

Aktar tagħrif u formoli ta' l-applikazzjonijiet jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Campus Prinċipali ta' l-MCAST. Kandidati prospettivi huma mistiedna jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni mimlija, flimkien ma' l-*employment history sheet* tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, il-21 ta' Awissu, 2006 f'nofsinhar. Applikazzjonijiet għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, il-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

(Permess ta' l-ETC Nru. 126/2006)

L-4 ta' Awissu, 2006

Vocational Teacher Training Course to provide the required pedagogical skills

The ICT Institute offers students a hands-on approach with a 1:1 student to computer ratio.

Further details and application forms are available online and from the Human Resources Office at MCAST Main Campus. Prospective candidates are invited to submit the completed College application form, accompanied by their employment history sheet obtainable from ETC, by not later than Monday, 21st August 2006 at noon. Applications are to be addressed to the Human Resources Office, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08. Late applications will not be considered.

(ETC Permit No. 126/2006)

4th August, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti ta' l-arti, Xjenza u Teknoloġija jeħtieġ *Lecturing staff, full-time* fl-oqsma li jidhru hawn taħt:

Agribusiness **(Permess ta' l-ETC 117/2005)**

Applikanti għandu jkollhom *first degree* relevanti minn istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla rikonoxxuta, jew kwalifiki vokazzjonali relevanti (t-tielet livell jew ogħla) u ta' l-anqas ħames snin esperjenza industrijali/kummerċjali relevanti u meħtieġa.

Kandidati magħżula jkunu mistennija jgħallmu livelli differenti li jibdew minn Livell 1, *Foundation* sa Livell 4, Diploma Nazzjonali Ogħla kif meħtieġ. Huma jagħmlu numru ta' *unit courses* jew waħedhom jew b'koperazzjoni ma' membri oħra ta' l-i*staff*, minbarra li jmexxu programm ta' riċerka f'waqtu għall-għanijiet ta' l-*Agribusiness Institute*.

Il-pożizzjonijiet jinkludu t-tagħlim ta' l-aspetti teoritiċi u prattiċi li għandhom x'jaqsmu max-xjenza ta' l-agrikultura, ortikultura, bhejjem, *management* u saħħa ta' annimali, produzzjoni u *management* ta' pjanti, makkinarju agrikolu u suġġetti oħra assoċjati.

Graphic Design **(Permess ta' l-ETC 133/2005) u**
3D Design (Ceramics) **(Permess ta' l-ETC 133/2005)**

Applikanti għandu jkollhom *first degree* relevanti minn istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla rikonoxxuta, jew kwalifiki vokazzjonali relevanti (t-tielet livell jew ogħla) u ta' l-anqas

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit full-time lecturing staff for each of the areas indicated below:

Agribusiness (ETC Permit 117/2005)

Applicants should have a relevant first degree from a recognized higher education institution, or relevant vocational qualifications (level three or above) and at least five years relevant and appropriate industrial/commercial experience.

Successful applicants will be expected to teach at different levels starting from Level 1, Foundation up to Level 4, Higher National Diploma as required. They will deliver a number of unit courses either in full or in cooperation with other staff members, in addition to leading a research programme appropriate to the objectives of the Agribusiness Institute.

The positions include teaching of the theoretical and practical aspects related to agricultural science, horticulture, livestock, animal management and health, plant production and management, agriculture mechinery and other associated subjects.

Graphic Design (ETC Permit 133/2005) and
3D Design (Ceramics) (ETC Permit 133/2005)

Applicants should have a relevant first degree from a recognized higher education institution, or a relevant vocational qualification (level three or above) and at least

ħames snin esperjenza industrijali/kummerċjali relevanti u meħtieġa. Għandom jiġu sottomessi formoli ta' l-applikazzjoni separati għall-postijiet ta' *Lecturing Staff - Graphic Design* u *Lecturing Staff - 3D Design (Ceramics)*. Kandidati jkunu meħtieġa jippreżentaw portfolio jew *artwork* matul l-intervista.

Tagħrif tajjeb tal-Lingwa Ingliża, mitkellma u miktuba, huwa essenzjali għall-postijiet kollha.

Applikanti għandhom jissottomettu l-formola ta' l-applikazzjoni ta' l-MCAST lill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Campus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, il-21 ta' Awissu, 2006 f'nofsinhar. Formoli ta' l-applikazzjonijiet jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Jekk tkun meħtieġa aktar informazzjoni wieħed għandu jirreferi għall-indirizz ta' hawn fuq.

L-4 ta' Awissu, 2006

five years relevant and appropriate industrial/commercial experience. Separate application forms are to be submitted for the posts of Lecturing Staff - Graphic Design and Lecturing Staff - 3D Design (Ceramics). Candidates will be required to produce a portfolio or artwork during the interview.

A command of the English Language, spoken and written, is essential for all posts.

Applicants should submit the MCAST Application Form to the Human Resources Office, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola, by not later than Monday, 21st August 2006, at noon. Application forms are available online and from the Human Resources Office. Late applications will not be considered. If further information is required, please refer to the address above.

4th August, 2006

UFFIĊĊJU TAL-PRIM IMĦALLEF

Eżami għall-*Warrants* għall-Eżerċizzju tal-Professjoni ta' Avukat u biex Persuna Teżerċita bħala Prokuratur Legali

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd li s-sessjonijiet li jmiss għall-parti bil-miktub ta' l-eżamijiet għall-*Warrant* biex persuna teżerċita l-Professjoni ta' Avukat skond l-Artikolu 81(f) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għall-*Warrant* biex teżerċita bħala Prokuratur Legali skond l-Artikolu 87(e) ta' l-imsemmi Kodiċi ser jsiru f'dawn id-dati:

L-Erbgħa, 27 ta' Diċembru 2006
L-Erbgħa, 4 ta' April 2007
L-Erbgħa, 25 ta' Lulju 2007, u
Il-Ġimgħa, 28 ta' Diċembru 2007.

Min irid joqgħod għal dawn l-eżamijiet għandu jagħti bil-miktub ismu, in-numru tal-karta ta' l-identità u l-indirizz tiegħu lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali mill-anqas ġimgħatejn qabel id-data tal-parti bil-miktub ta' l-eżami. Kull kanditat jingħata aktar informazzjoni dwar l-eżami mir-Reġistratur.

L-4 ta' Awissu 2006

OFFICE OF THE CHIEF JUSTICE

Examination for the Warrants to Exercise the Profession of Advocate and to Practice as a Legal Procurator

It is hereby notified for general information that the forthcoming sessions of the written part of the examinations for the Warrant to exercise the Profession as Advocate in terms of Section 81(f) of the Code of Organisation and Civil Procedure and for the Warrant to practise as a Legal Procurator in terms of Section 87(e) of the said Code will be held on the following dates:

Wednesday, 27th December 2006
Wednesday, 4th April 2007
Wednesday, 25th July 2007, and
Friday, 28th December 2007.

Prospective candidates are to submit in writing their name, identity card number and address to the Registrar, Civil Courts and Tribunals at least two weeks ahead of the date of the written part of the examination. Each candidate will be duly supplied with further information about the examination by the Registrar.

4th August 2006

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Nhar il-31 ta' Lulju 2006 il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent nieda kompetizzjoni internazzjonali għal *master plan* fit-tul biex jiġi rijabilitat il-Maghtab Waste Management Complex (limiti tan-Naxxar), isir it-tisbiħ tiegħu u jiġi deċiż l-aħjar użu li jista' jkollu.

Parteċipanti li jkunu kwalifikati jistgħu jissottomettu disinji għal dan il-proġett. L-aħjaj sottomissjoni tintgħażel minn ġurija ta' esperti magħmula minn Maltin u barranin b'fama internazzjonali u b'kompetenza fil-qasam tal-proġett.

Ir-reġistrazzjoni bdiet fl-1 ta' Awissu 2006 u tagħlaq fid-29 ta' Awissu 2006. Id-data ta' l-għeluq għas-sottomissjonijiet tal-kompetizzjoni hija s-27 ta' Ottubru 2006.

Iktar dettalji li jinkludu l-formola tar-reġistrazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni qegħdin fuq il-*website* http://www.mrae.gov.mt/mpcompetition.asp. Il-formola tar-reġistrazzjoni tista' tintalab ukoll bil-*fax* fuq +356 2295 2231.

L-4 ta' Awissu, 2006

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

The Ministry for Rural Affairs and the Environment is pleased to announce an international landscape design competition for the long term rehabilitation masterplan of the waste management complex at Maghtab (limits of Naxxar).

Suitably qualified participants will be able to submit designs, with the winning design concept being selected by a panel of judges composed of a number of local and international experts competent in various fields relevant to the project.

The competition was launched on 31st July 2006, with registration beginning on 1st August 2006 and closing on 29th August 2006. The closing date for the reception competition submissions is 27th October 2006.

Further details, including Registration Form, competition conditions and design brief can be found at the following website http://www.mrae.gov.mt/mpcompetition.asp. The Registration Form can also be requested by fax on +356 2295 2231.

4th August, 2006

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi ser issir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Sannat.

G. SALIBA
A/Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

L-4 ta' Awissu, 2006

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Sannat.

G. SALIBA
A/Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

4th August, 2006

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma ser ikunu fl-Uffiċċju tal-Karta ta' l-Identità, Triq ir-Repubblika, Rabat, Għawdex, nhar l-Erbgħa 9, il-Ħamis 10 u l-Ġimgħa, 11 ta' Awissu, 2006, mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Sannat.

G. SALIBA
A/Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

L-4 ta' Awissu, 2006

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Identity Cards Office, Republic Street, Rabat, (Gozo), on Wednesday 9th, Thursday 10th and Friday 11th August, 2006 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of a Councillor for the Local Council of Sannat.

G. SALIBA
A/Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

4th August, 2006

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Għall-finijiet tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi ma ġiet ippreżentata ebda kandidatura għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Mosta.

G. SALIBA
A/Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

L-4 ta' Awissu, 2006

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

For the purposes of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that no candidatures were presented for the casual election of a Councillor for the Local Council of Mosta.

G. SALIBA
A/Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

4th August, 2006

CENTRAL BANK OF MALTA

ASSETS AND LIABILITIES AS AT 30 JUNE 2006

ASSETS	30-Jun-06 Lm	31-May-06 Lm
EXTERNAL ASSETS		
Gold and Other Precious Metals	**724,131**	780,021
International Monetary Fund	**36,491,591**	36,505,652
Convertible Currencies and Other Foreign Assets	**891,968,583**	887,428,940
	929,184,305	924,714,613
LOCAL INVESTMENTS		
Malta Govt. Securities	**24,697,449**	25,459,347
OTHER ASSETS	**59,059,127**	60,840,419
	1,012,940,881	1,011,014,379

LIABILITIES	Lm	30-Jun-06 Lm	31-May-06 Lm
CAPITAL AND RESERVES			
Capital		**5,000,000**	5,000,000
General Reserve Fund		**23,000,000**	23,000,000
Special Reserve Fund		**13,000,000**	13,000,000
Reserves for Risks and Contingencies		**44,745,000**	44,745,000
Reserve for Fair Value Adj		**(8,386,576)**	(6,652,836)
		77,358,424	79,092,164
CURRENCY ISSUED			
Notes	**491,598,347**		489,847,977
Coins	**20,361,054**		20,057,558
		511,959,401	509,905,535
DEPOSITS			
Government	**82,472,514**		138,615,438
Banks	**286,215,092**		226,723,627
Others	**10,133,520**		9,721,679
		378,821,126	375,060,744
OTHER LIABILITIES		**44,801,930**	46,955,936
		1,012,940,881	1,011,014,379

1. Proportion of total external assets to currency and deposit liabilities 104.31% (104.49%)
2. Net amount of foreign currency exchange sale contracts is Lm6,242,270.
3. The amount of foreign currency guarantees issued on behalf of customers is Lm7,685,433.

R. FILLETTI
FINANCIAL CONTROLLER

G. HUBER
DIRECTOR
FINANCE & BANKING

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-8 ta' Awissu, 2006 għal:

CT 257/2006. Provvista ta' servizzi għad-disinn u implimentazzjoni ta' kampanja edukattiva nazzjonali dwar l-użu ta' enerġija sostenibbli – Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi. Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-12 ta' Ġunju 2006.

CT 175/2006. Provvista ta' *blood cartridges* biex jintużaw ma' *cobe centry KM* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Mejju 2006.

CT 176/2006. Provvista ta' *bedomethasone dipropionate 250mg inhaler* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Mejju 2006.

CT 201/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *gamma interferon* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 202/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *C1 esterase* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 203/2006. Provvista ta' *intravenous iron supplements* - Dipartiment tas-Saħħa.

Chain link fencing fil-Kumpless Sportiv tal-Marsa.

Għandu jsir ħlas ta' Lm25 meta jinġabru d-dokumenti.

Id-dokumenti ta' l-offerta u kundizzjonijiet jistgħu jinġabru mill-uffiċċju ta' l-*Accounts* tal-Kunsill Malti għall-I*sport,* Kumpless Sportiv Kottonera matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

L-4 ta' Awissu, 2006

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

The Kunsill Malti għall-Isport notifies that sealed tenders will be received up to noon on Tuesday, 29th August, 2006, for:

Chain link fencing at the Marsa Sports Complex.

A fee of Lm25 has to be paid upon collection of documents.

Tender documents and conditions can be collected from the Accounts office of the Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex during office hours.

4th August, 2006

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur tal-*Customer Services* fil-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Awissu, 2006, fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima ta' l-*Accounts,* ir-Rabat, Għawdex, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. D. Cust. S. 24/2006. Stallazzjoni u kummissjunar ta' dwal dekorattiv fl-Iskola Primarja Sir Arturo Mercieca, ir-Rabat, Għawdex.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi, jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts,* Ministeru għal Għawdex, ir-Rabat, Għawdex, f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

L-4 ta' Awissu, 2006

MINISTRY FOR GOZO

The Director of Customer Services, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, Department of Corporate Services, Victoria, Gozo, by not later than 10.00 a.m. of Friday, 18th August, 2006, for:-

Advt. No. D. Cust. S. 24/2006. Installation and commissioning of decorative floodlights for Sir Arturo Mercieca School, Victoria, Gozo.

Tenders should be drawn up on the prescribed forms which, together with the relative conditions can be obtained from the Accounts Section, Department of Corporate Services, Ministry for Gozo, Victoria, Gozo, during normal office hours.

4th August, 2006

AWTORITÀ MALTIJA DWAR L-I*STANDARDS*

Pubblikazzjoni tar-Rapport Annwali

L-Awtorità Maltija dwar l-*iStandards* (MSA) bi ħsiebha tippubblika r-Rapport Annwali tagħha, li hu mistenni juri l-politika u l-attivitajiet tal-MSA lill-partijiet interessati. Il-persuni u l-organizzazzjonijiet li huma interessati fil-pubblikazzjoni ta' dan ir-Rapport jistgħu jiġbru kopja tad-dokument ta' l-offerta mill-MSA. (Avviż Nru. T 5/2006).

L-offerti magħluqin għandhom jintefgħu fil-kaxxa ta' l-Offerti ta' l-Awtorità Maltija dwar l-*iStandards*, it-Tieni Sular, Binja Evans, Triq il-Merkanti, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, il-21 ta'Awissu 2006, Numru tat-Telefon: 21 242 420, Numru tal-*Fax*: 21 242 406.

L-4 ta' Awissu, 2006

MALTA STANDARDS AUTHORITY

Publication of Annual Report

The Malta Standards Authority (MSA) intends to publish its Annual Report, which is expected to communicate the MSA's policies and activities to interested parties. Persons and organizations interested in publishing this Report may collect from MSA a copy of tender document for the Publication of the Annual Report. (Advt. No. T 5/2006).

Sealed tenders should be submitted in the tender box by not later than noon of Monday, 21st August 2006, at the Malta Standards Authority, Second Floor, Evans Building, Triq il-Merkanti, Valletta, Tel: 21 242 420, Fax: 21 242 406.

4th August, 2006

KUNSILL LOKALI QRENDI

Il-Kunsill Lokali Qrendi jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-28 ta' Awissu 2006, fil-kaxxa ta' l-offerti fil-Kunsill Lokali Qrendi jintlaqgħu offerti magħluqin għall-kostruzzjoni ta' bankini, kostruzzjoni ta' toroq u xogħlijiet oħra anċillari fil-Qrendi, l-Imqabba u Ħal Kirkop.

Id-dokumenti għall-offerti elenkati f'dan l-avviż għandhom jinġabru mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Qrendi, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, għall-ħlas ta' Lm50.

L-4 ta' Awissu, 2006

QRENDI LOCAL COUNCIL

The Qrendi Local Council notifies that:-

Sealed tenders are to be deposited in the tender box at the Qrendi Local Council by not later than noon of Monday, 28th August 2006, for pavement construction, road construction and any other ancillary works at Qrendi, Mqabba and Kirkop.

Documents may be collected from the Qrendi Local Council's Administrative Offices, 7, Triq il-Knisja, Qrendi at a fee of Lm50.

4th August, 2006

KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI

Il-Kunsill Lokali Siġġiewi jgħarraf illi b'riferenza għall-avviż ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,948 ta' l-1 ta' Awissu, 2006 f'paġna 6651: l-Avviż Nru. LCS68/06. Tindif u żgumbrar ta' *surfaced areas* urbani u mhux urbani għandu jinbidel b'dan li ġej:

Avviż Nru. LCS68/06. Tħawwil u manutenzjoni ta' spazji pubbliċi.

Il-Kunsill jiskuża ruħu għal kull inkonvenjent li seta' kkawża.

L-4 ta' Awissu, 2006

SIĠĠIEWI LOCAL COUNCIL

The Siġġiewi Local Council notifies that with reference to the notice published in the Government Gazette No. 17,948 of the 1st August, 2006 on page 6651: Advt. No. LCS68/06. Cleaning and clearing of surfaced urban and non urban areas should not have been published and is hereby cancelled.

Advt. No. LCS68/06. Planting of public spaces.

The Council regrets any inconvenience it may have caused.

4th August, 2006

KUNSILL LOKALI XAGĦRA

Il-Kunsill Lokali Xagħra jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-12 ta' Settembru 2006, fl-istess uffiċċju fi Vjal it-8 ta' Settembru, jintlaqgħu offerti għal:-

Avviż Nru. 1. Servizzi ta' konsulenza għal diversi inizjattivi soċjo-kulturali fil-lokalità tax-Xagħra;

Avviż Nru. 2. *Contract management* fuq il-kuntratti tal-ġbir ta' l-iskart, toroq mhux urbani, manutenzjoni tas-sinjali u l-marki tat-toroq u l-knis u t-tindif tat-toroq.

Id-dokumenti ta' l-offerti jinġabru mill-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill għall-ħlas ta' Lm15 kull offerta.

Il-Kunsill jista' jirrifjuta kwalunkwe offerta, inkluż l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-4 ta' Awissu, 2006

XAGĦRA LOCAL COUNCIL

The Xagħra Local Council notifies that:-

Tenders will be accepted at the same offices in 8th September Avenue up to 11.00 a.m. of Tuesday, 12th September 2006, for:-

Advt. No. 1. Consultancy services for various socio-cultural initiatives in the locality of Xagħra;

Advt. No. 2. Contract management for refuse collection, non-urban roads, maintenance of signs and markings and street sweeping and cleaning contracts.

The tender documents can be collected from the Council Administrative offices against payment of Lm15 for each tender.

The Council retains the right to refuse any offer, even the most advantageous.

4th August, 2006

KUNSILL LOKALI MOSTA

Il-Kunsill Lokali Mosta jgħarraf illi rebaħ proġett INTERREG IIIA imsejjaħ CULTEXCHANGE. Dan il-proġett huwa bi sħab ma' żewġ entitajiet Taljani minn Ragusa. Il-Kunsill Lokali Mosta, li huwa sieħeb prinċipali f'dan il-proġett, jinħtieġ is-*Support Services* ta' ditta/persuni:

1) KLM-EU 01/06. Biex ikun *Project Manager* għat-tlett imsieħba.
2) KLM-EU 02/06. Biex ikunu inkarigat mill-korrispondenza, stqarrijiet għall-istampa, traduzzjonijiet u xogħlijiet oħra minn jum għall-ieħor fit-tmexxija ta' dawn il-proġetti
3) KLM-EU 03/06. *Liaison Officer* biex jikkoordina bejn it-tlett imsieħba.

Il-formoli ta' l-applikazzjonijiet jistgħu jinġabru mill-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Mosta bejn it-8.00 a.m. u n-12.30 p.m. Id-data u l-ħin ta' l-għeluq għas-sottomissjoni tal-formoli ta' l-applikazzjoni huwa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Awissu, 2006.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull formola ta' l-applikazzjoni.

Il-Kunsill Lokali Mosta iżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġjuża.

L-4 ta' Awissu, 2006

MOSTA LOCAL COUNCIL

The Mosta Local Council notifies that it has won an INTERREG IIIA project called CULTEXCHANGE. This project is in partnership with two Italian entities from Ragusa. The Mosta Local Council, which is the leading partner in this project, is seeking the Support Services of a firm/persons:

1) KLM-EU 01/06. To act as Project Manager for the three partners.
2) KLM-EU 02/06. To handle correspondence, press releases, translations and other day-to-day jobs in the running of these projects.
3) KLM-EU 03/06.Liaison officer to co-ordinate between the three partners.

Application forms can be collected from the Mosta Local Council offices between 8.00 a.m. and 12.30 p.m. The closing date and time for the submission of application forms is noon of Friday, 11th August, 2006.

A fee of Lm10 will be charged for every copy of application form.

The Mosta Local Council reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

4th August, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1201

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Lulju 2006, in segwitu għar-rikors ta' Lourdes Cassar, rikors numru 153/2005, Maria Carmena Cassar, xebba, bint il-mejjet Paul Cassar u Leonarda neé Callus, imwielda u toqgħod Ħal Kirkop, bil-karta ta' l-identità numru 31448(M) ġiet interdetta.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 31 ta' Lulju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 26th July 2006, following an application of Lourdes Cassar application number 153/2005, Maria Carmena Cassar, unmarried, daughter of the late Paul Cassar and Leonarda neé Callus born and residing at Kirkop, having identity card number 31448(M) was interdicted.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 31st July 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1202

Ikun jaf kulħadd illi il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Lulju 2006, in segwitu għar-rikors ta' Mary Bonello et nomine, rikors numru 295/2005, Catherine Schembri, bint il-mejtin John Mary Schembri u Antonia neé Vassallo, imwielda u residenti s-Siġġiewi, bil-karta ta' l-identità numru 491853(M) ġiet inabilitata.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 31 ta' Lulju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LLD.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 26th July 2006, following an application of Mary Bonello et nomine, application number 295/2005, Catherine Schembri, daughter of the late John Mary Schembri and Antonia neé Vassallo, born and residing in Siġġiewi, having identity card number 491853(M) was incapacitated.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 31st July 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1203

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Ġunju 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 238/2005 GCD, fl-ismijiet Alan Agius versus Domenic Darmanin, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Alan Agius (ID 53581M) ippreżenta Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fit-8 ta' Marzu 2005, kontra Domenic Darmanin (ID 336662(M), fejn talab il-konvenut għaliex għar-raġunijiet premessi dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalsijasi provvediment u dikjarazzjoni li hija jidhrilha xierqa u neċessarja:

1) tiddeċiedi u tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident hawn fuq imsemmi u għad-danni ikkaġunati kif premessi lil Alan Agius;

2) tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 22nd June 2006, in the records of the Writ of Summons Number 238/2005 GCD, in the names Alan Agius versus Domenic Darmanin ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Alan Agius (ID 53581M) filed a Writ of Summons in the First Hall Civil Court on the 8th March 2005, against Domenic Darmanin (ID 336662M) wherein he asked the defendant why for the reasons premised this Honourable Court should not saving and necessary declaration which it deems fit and opportune:

1) decide and declare that the defendant is responsible for the incident above mentioned and for the damages caused as premised to Alan Agius;

2) liquidate, if necessary by the work of referees and

nominandi, d-danni sofferti mill-attur per konsegwenza ta' l-inċident stradali fuq deskritt;

3) tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss lilu, Iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-imgħaxijiet legali, mid-data tal-preżentata ta' l-ittra uffiċjali u bl-ispejjeż inkluż ta' l-imsemmija ittra uffiċjali, kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Konvenut: Domenic Darmanin, 47, Triq il-Kaħwiela, Santa Luċija.

B'digriet tal-31 ta' Mejju 2005, mogħti fl-atti tal-kawża hawn imsemmija, Ċitazzjoni Numru 238/2005, fl-ismijiet Alan Agius versus Domenic Darmanin, il-Qorti ordnat li jiġi notifikat il-konvenut li għandhu jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu fil-form u fiż-żmien li trid il-liġi.

Il-konvenut għandu wkoll fl-istess żmien:

1. b'nota jgħid minn huma b'isimhom u mhux b'referenza ġenerika x-xhieda li jrid iressaq, jgħid fid-dettall u mhux b'mod ġeneriku xi prova jrid jagħmel b'kull xhud, billi jelenka wieħed wieħed il-fatti li jrid jagħmel il-prova tagħhom, u jgħid min mix-xhieda jistgħu jixhdu b'affidavit;

2. jgħid liema mill-fatti esposti mill-attur jaqbel magħhom u liema fatti jikkontesta;

3. jgħid jekk, bla preġudizzju għar-responsabbilità jikkontestax il-quantum tad-danni pretiżi, u

4. jesebixxi d-dokumenti kollha relattivi għal-każ tiegħu; fil-każ illi dawn id-dokumenti ma jistgħux jinġiebu f'dan l-istadju għax ma humiex f'idejh, igħid liema huma dawn id-dokumenti u f'idejn min qegħdin.

Notifika: Domenic Darmanin
47, Triq il-Kaħwiela, Santa Luċija.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Lulju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

experts to be appointed the damages suffered by the plaintiff as a consequence of the street accident above described;

3) condemn the defendant so that within a short and peremptory period fixed to him, he pays the plaintiff the sum so liquidated.

With legal interest from the date of filing of this judicial letter against the defendant who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Defendant: Domenic Darmanin, 47, Kaħwiela Street, Santa Luċija.

By a decree given on the 31st May 2005, in the records of the cause above mentioned Writ of Summons Number 238/2005, in the names Alan Agius versus Domenic Darmanin, the Court ordered that the defendant is to file his pleas in the form and within the time required by law.

The defendant has also at the same time:

1. by a note to state who the witnesses he wishes to bring forward are and not in a generic manner; to state in detail and not in a generic form what proof he wants to make by means of every witness, by listing one by one the facts he wants to proof, and to state who of the witnesses can testify by affidavit;

2. to state which of the facts exposed by the plaintiff does he agree with, and which he contests;

3. to state, without prejudice to the responsibility whether he contests the quantum of the damages claimed, and

4. to exhibit all the documents relative to his case, in case these documents cannot be brought at this stage because they are not in his possession, to state which are these documents and in whose possession they are.

Notice: Domenic Darmanin
47, Triq il-Kaħwiela, Santa Luċija.

Registry of the Superior Courts, today 31st July 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1204

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Ottubru 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 2707/2005, fl-ismijiet il-Kummissarju ta' l-Art vs Helen Giulivo, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 7 ta' April 2005.

Lil: Helen Giulivo.

Bil-preżenti l-Kummissarju ta' l-Artijiet qed għall-fini ta' l-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata Dok. 'A' u jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallsu s-somma ta' ħames mija u tlieta u sebgħin Lira Maltija (Lm573.00) dovuta bla bilanċ ta' kera ta' Flat 5, Blokk 1 Entrance A, Triq G. Dimech Debono, Birkirkara, għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 1999 sal-31 ta' Marzu 2005.

Fin-nuqqas ta' ħlas jew ta' oppożizzjoni da parti tiegħek skond l-imsemmi Artikolu 466 l-esponenti jgħaddi għall-ħruġ ta' mandati eżekuttivi kontra tiegħek skond il-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Mittenti: Berġa tal-Baviera, Triq San Bastjan, Valletta.

Intimat: Flat 5, Block 1, Entrance A,
Triq G. Dimech Debono,
Birkirkara.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 31 ta' Lulju 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 31st October 2005, in the records of the judicial letter number 2707/2005, the Commissioner of Land vs Helen Giulivo, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 7th April 2005.

To: Helen Giulivo.

By the present the Commissioner of Lands is for the purposes of Article 466 of Code of Organisation and Civil Procedure notifying you with the attached sworn declaration marked Doc. 'A' and calling upon you so that within two days you pay the sum of five hundred and seventy three Maltese Liri (Lm573.00) due as balance of rent of Flat 5, Block 1 Entrance A, G. Dimech Debono Street, Birkirkara, for the period 1st October 1999 till the 31st March 2005.

Failing payment or opposition on your part according to the said Article 466 the interpellant shall pass to the issuing of the relative warrants according to law against you.

With costs and legal interest.

Interpellant: Auberge de Baviere, St. Sebastain Street, Valletta.

Respondent: Flat 5, Block 1, Entrance A,
G. Dimech Debono Street,
Birkirkara.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 31st July 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1205

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Lulju 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 2066/00 GV, fl-ismijiet Lombard Bank Malta plc vs Louis Naudi et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati Louis u Silvana konjugi Naudi a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub fil-kawża quddiem il-Qorti ta' l-Appell bejn Lombard Bank Malta plc vs Louis

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 17th July 2006, in the records of the Writ of Summons Number 2066/00 GV, in the names Lombard Bank Malta plc vs Louis Naudi et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents Louis and Silvana spouses Naudi in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Whereas the written procedures in the cause before the Court of Appeal between Lombard Bank Malta plc vs Louis

u Silvana konjugi Naudi bħala debituri prinċipali u Joseph Naudi bħala garanti in solidum, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għal nhar it-Tlieta, għoxrin (20) ta' Ġunju 2006, fl-10.00 a.m.

B'ordni ta' l-istess Qorti ta' l-Appell ta' l-20 ta' Ġunju 2006, il-kawża hawn fuq imsemmija ġiet differita għas-17 ta' Ottubru 2006, fl-10.00 a.m.

Notifika Appellati: Silvana Naudi,
Darna, 122, Triq il-Qasam, Swieqi.

Louis Naudi
11 Alley 1, Cross Street, Naxxar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 2 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and Silvana spouses Naudi as principal debtors and Joseph Naudi as surety in solidum, the Court fixed the date for the hearing of the cause on Tuesday, twentieth (20) of June 2006, at 10.00 a.m.

By order of the same Court of Appeal of the 20th June 2006, the case above mentioned was put off to the 17th October 2006, at 10.00 a.m.

Notify Respondents: Silvana Naudi,
Darna, 122, Qasam Street, Swieqi.

Louis Naudi
11 Alley 1, Cross Street, Naxxar.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 2nd August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1206

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fis-26 ta' Lulju, 2006 fuq rikors ta' MALTA SHIPYARDS LIMITED ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 31 ta' Awissu, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-26 ta' Lulju, 2006 li għandu jsir f' waħda mill-Awli tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta, tal-Vapur hawn taħt deskritt maqbud minghand M.V. Żebbuġ.

M.V. Żebbuġ IMO No. 7026613 tat-tip Ro/Ro MMSI 256033000 ankrat il-Marsa.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 28 ta' Lulju, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 26th July, 2006 on the application of MALTA SHIPYARDS LIMITED, Thursday, 31st August, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 26th July, 2006 to be held in one of the Halls of the Law Courts, Republic Street, Valletta of the following vessel seized from the property of M.V. Żebbuġ.

M.V.Żebbuġ IMO No. 7026613 Ro/Ro MMSI 256033000 type berthed at Marsa.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 28th July, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1207

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Lulju 2006, in segwitu għar-Rikors ta' Alfred u Yvonne konjugi Falzon, Adriano Falzon, ġuvni, iben Alfred Falzon u Yvonne neé Camilleri, imwieled Tas-Sliema u residenti ġewwa d-Dar tal-Providenza s-Siġġiewi, bil-karta ta' l-identità numru 518171(M) ġie interdett mill-atti kollha tal-ħajja ċivili.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 2 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LLD.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction) by means of a decree given on the 21st July 2006, following an Application of Alfred and Yvonne spouses Falzon, Adriano Falzon, bachelor, son of Alfred Falzon and Yvonne neé Camilleri, born in Sliema and residing at Dar tal-Providenza Siġġiewi, having identity card number 518171(M) was interdicted from all acts of civil life.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 2nd August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1208

Ikun jaf kulħadd illi il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) in segwitu għar-Rikors ta' Mary sive Miriam, mart George Zammit, Rikors numru 663/2006, Agnes Galea, armla minn Joseph Galea, bint il-mejtin Carmelo Schembri u Giuseppa neé Gauci, imwielda in-Naxxar u preżentement rikoverata f' Dar ta' l-Anzjani, 'Central Home', il-Mosta, bil-karta ta' l-identità numru 125522(M) ġiet interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 2 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, tal-Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) following an Application of Mary sive Miriam , wife of George Zammit, Application number 663/2006, Agnes Galea, widow of Joseph Galea, daughter of the late Carmelo Schembri and Giuseppa neé Gauci, born in Naxxar and presently under care at an Old People's Home, 'Central Home' Mosta, having identity card number 125522(M) was interdicted from all acts of civil life.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) today 2nd August 2006.

ADV. DR.FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1209

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Ġunju 2006, fl-atti tar-Rikors Numru 92/06 NC, fl-ismijiet Kasaab Judith vs Kasaab Abdul Jalil, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-14 ta' Marzu 2006, fl-ismijiet Judith Kasaab (ID Numru 42977M) u b' digriet tas-27 ta' Marzu 2006, il-Qorti awtorizat l-korrezzjoni tal-kunjom li għandu jitniżżel bħala Kassab vs Abdul Jalil Kassab (ID Numru 22416A) u b' digriet tas-27 ta' Marzu 2006 il-Qorti awtorizzat l-korrezzjoni tal-kunjom li għandhu jitniżżel bħala Kassab, ir-rikorrenti Judith Kassab esponiet bir-rispett u bil-ġurament tgħid;

1. Illi l-esponenti żżewġet lill-intimat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta fl-20 ta' Lulju 2000 u sussegwentement fil-Kappella ta' San Pawl Nawfraġu, f' San Pawl il-Baħar fid-29 ta' Diċembru 2000 (Dok A u Dok B) u miż-żwieġ tagħhom ma kienx hemm tfal;

...Omissis...

9. Illi l-esponenti maljar intebħet illi ż-żwieġ tagħha lill-intimat kien nieqes mill-elementi essenzjali tiegħu. Hija rat

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 19th June 2006, in the records of the Application Number 92/06 NC, in the names Kassab Judith vs Kassab Abdul Jalil ordered, the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Civil Court (Family Section) on the 14th March 2006, in the names Judith Kasaab (ID Number 42977M) and by decree of the 27th March 2006, the Court authorized the correction of the surname which is to be written down as Kassab vs Abdul Jalil Kassab (Id Number 22416A) and by decree of the 27th March 2006 the Court authorized the correction of the surname which is to be written down as Kassab, the applicant Judith Kassab pleaded with respect and confirmed under oath;

1. That the applicant married the respondent in the Public Registry of Malta on the 20th July 2000 and subsequently in the Chapel of St. Paul's Shipwreck, at St. Paul's Bay, on the 29th December 2000 (Doc A and Doc B) and from their marriage there were no children;

...Omissis...

9. That the applicant soon noticed that her marriage to the respondent lacked its essential elements. She saw that

illi żewġha ma kienx iħobbha u li ma kienx hemm sens ta' għaqda u ġabra fiż-żwieġ tiegħu, hu kien jgħix ħajja ta' singlu u ċertament mhux ta' raġel miżżewweġ, hu kien joħroġ ħafna mal-ħbieb u jdum ħinijiet twal barra mid-dar u ġieli ma kienx jirritona d-dar għall-ġimgħat sħaħ;

...Omissis...

12. Illi l-kunsens ta' l-intimat nkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa;

13. Illi in oltre l-kunsens ta' l-intimat għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-ħajja miżżewġa u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha;

14. Illi l-intimat issimila l-kunsens tiegħu għal dan iż-żwieġ.

15. Illi għalhekk iż-żwieġ iċċelebrat mill-kontendenti fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta fl-20 ta' Lulju 2000 u sussegwentement fil-Kappella ta' San Pawl Nawfragu, f' San Pawl il-Baħar, fid-29 ta' Diċembru 2000 huwa null u bla effett fil-liġi.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija l-esponenti titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha;

1) tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żwieġ iċċelebrat mill-kontendenti fl-20 ta' Lulju 2000, huwa null u bla effett legali, u tagħti dawk il-provedimenti kollha l-oħra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward. Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt biex għas-subizzjoni.

Intimat: No. 1, Joe Flats, Enrico Mizzi Str, Gzira.

Ir-Rikors Numru 92/06 NC, fl-ismijiet Kasaab Judith vs Kassab Abdul Jalil jinsab differit għas-17 ta' Ottubru 2006, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 2 ta' Awissu 2006.

AVV.DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

herhusband did not love her and there was no sense of unity and interest in his marriage, he lived the life of a single person and certainly not that of a married man, he went out a lot with friends and stayed for long hours outside home and sometimes he did not return home for whole weeks;

...Omissis...

12. That the consent of the respondent was acquired by the positive exclusion of marriage itself and of the essentialelements of married life;

13. That furthermore the consent of the respondent to this marriage was vitiated by a serious defect of discretion of judgement on married life and on its essential rights and duties;

14. That the respondent simulated his consent to this marriage.

15. That thus the marriage celebrated between the parties in the Public Registry of Malta on the 20th July 2000 and subsequently at the Chapel of St. Paul's Shipwreck in St. Paul's Bay, on the 29th December 2000 is null and without effect at law.

Thus for the reasons above mentioned the applicant prays with respect that this Honourable;

1) declares and decides that the marriage celebrated by the parties on the 20th July 2000 is null and without legal effect and make all those provisions which are opportune in this regard. With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Respondent; No. 1, Joe Flats, Enrico Mizzi Str, Gzira.

The Application Number 92/06 NC, in the names Kasaab Judith vs Kassab Abdul Jalil has been put off to the 17th October 2006, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 2nd August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1210

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-30 ta' Marzu 2006, minn Claire u Robert aħwa Booker, rikors numru 209/2006, fejn talbu li tiġi ddikjarta miftuħa favur tagħhom fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-SUCCESSJONI ta' Robert Booker, iben il-mejtin Robert Booker u Frances Xaveria neé Formosa, imwieled Ħal Luqa, kien joqgħod Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, u miet fit-3 ta' Diċembru 2005 ta' 59 sena u kellu karta ta' l-identità numru 429446(M) u li miet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min ikollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et. seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 3 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 30th March 2006, by Claire and Robert brother and sister Booker, application number 209/2006, whereby they asked that it be declared open in their favour in the quota of one-half (1/2) undivided share in favour of each one of them, the SUCCESSION of Robert Booker, son of the late Robert Booker and Frances Xaveria neé Formosa , born in Luqa, who resided in Marsalforn, limits of Żebbuġ, Gozo, and died on the 3rd December 2005, aged 59, and had identity card number 429446(M) and who died intestate and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 3rd August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1211

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) ordnat din il-pubblikazzjoni, in segwitu għar-rikors ta' Mary Rose Rosso ID 65465(M) ippreżentat fl-4 ta' April 2006, rikors numru 215/2006, fejn talbet il-ħatra ta' Kuratur ta' l-assenti Albert Brian Rosso, ai termini ta' l-Artikolu 194 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Kull min għandu aħbarijiet li l-imsemmi Albert Brian Rosso għadu ħaj mitlub li jagħtihom lir-Reġistratur tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) sabiex din il-Qorti tkun taf bihom fi żmien xahar li jibda jgħodd minn dik il-ġurnata li joħroġ dan l-editt fil-Gazzetta tal-Gvern.

Reġistru tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 3 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) ordered this publication , following an application of Mary Rose Rosso ID 65465(M) filed on the 4th April 2006, application number 215/2006, whereby she asked for the appointment of a Curator of the absent Albert Brian Rosso, in terms of Article 194 of the Civil Code (Chapter 16 of the Laws of Malta).

Whosoever has any news of the existence of the said Albert Brian Rosso is required to communicate it to the Registrar of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) for the information of the said Court within one month from the day of the publication of this edict in the Government Gazette.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) today 3rd August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1212

B' dan l-Avviż ikun magħruf illi b' rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fis-27 ta' April 2006, minn Victoria armla minn John Mary Muscat, rikors numru 269/2006, fejn talbet li tiġi iddikjarta miftuħa favur tagħha u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u favur l-eredità ta' Frank Muscat (iben id-deċujus u r-rikorrenti) ir-rimanenti nofs (1/2) indiviż is-SUĊĊESSJONI ta' Giovanni Maria Muscat, iben il-mejtin Francesco Muscat u Maria neé Camilleri, imwieled, Mġarr, Malta, kien joqgħod H'Attard u miet Pietà fil-5 ta' Diċembru 2005 ta' 69 sena u kellu karta ta' l-identità numru 761435(M) u li miet intestat u għalhekk ġie ordnt il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x' jaqsam.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b' nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 3 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 27th April 2006, by Victoria widow of John Mary Muscat, application number 269/2006, whereby she asked that it be declared open in her favour and this in the quota of one-half (1/2) undivided share and in favour of the inheritance of Frank Muscat (son of the decujus and the applicant) the remaining one-half (1/2) undived share the SUCCESSION of Giovanni Maria Muscat, son of the late Francesco Muscat and Maria neé Camilleri, born in Mgarr, Malta who resided in Attard and died in Pietà on the 5th December 2005, aged 69, and who had identity card number 761435(M) and who died intestate and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 3rd August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1213

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fis-26 ta' Lulju 2006, minn Emmanuelle Claire-Anne Florensa, Rikors numru 127/2006, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa kollha favur tagħha s-SUĊĊESSJONI ta' missierha Claude Florensa, irtirat, bin il-mejtin Sebastien u Claire-Anne neé Moliner, imwieled Perpignan, Franza, kien residenti kemm f'Perpignan Franza, kif ukoll fl-Għarb Għawdex u miet Perpignan Franza, fl-4 ta' Ottubru 2005, ta' 69 sena u kellu karta ta' l-identità numru 22445(A) li miet bla testament f'Malta u b'testment u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex ikun mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 3 ta' Awissu 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 26th July 2006, by Emmanuelle Claire-Anne Florensa, Application number 127/2006, whereby she asked that it be declared open all in her favour the SUCCESSION of her father Claude Florensa, retired, son of the late Sebastien and Claire-Anne neé Moliner, born in Perpignan, France, who was resident both in Perpignan France, as well as Għarb, Gozo and died in Perpignan, France, on the 4th October 2005, testate, aged 69 and had identity card number 22445(A) but, left no will in Malta, and thus the issuing of this bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction) today 3rd August 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET MIXXELLANJI
MISCELLANEOUS PUBLICATIONS

Bejtiet il-Lingwa – Aspetti tal-Lingwa fil-Folklor Malti	Lm 2.00c
Child Protection – Procedures for Schools	Lm 1.50c
Geological Maps of Malta	Lm 7.00c
Geological Maps of Gozo	Lm 5.00c
Geological Maps of Malta and Gozo	Lm10.00c
Il-Bennej	Lm 3.50c
Il-Ġaħan ta' Binġemma	Lm 2.00c
Il-Ħajja ta' Rużar Briffa – Oliver Friggieri	Lm 1.00c
Il-Miġja tal-Franċiżi f'Malta – Ktejjeb ta' Tifkira 1798-1998	Lm 1.00c
Leli ta' Ħaż-Żgħir – G. Ellul Mercer	Lm 1.00c
Santo Spirito Hospital	Lm 2.00c
Syllabus for the Primary School – Years 4,5 and 6	Lm 1.00c

PUBBLIKAZZJONIJIET STATISTIĊI
STATISTICAL PUBLICATIONS

Agriculture and Fisheries 2002 (CD Rom)	Lm 2.00c
A Window on the World of Work	Lm 2.00c
Abstract of Statistics 2000	Lm 5.00c
Benchmarking Malta in Europe	Lm 3.00c
Children	Lm 3.00c
Culture Statistics	Lm 2.00c
Demographic Review 2003	Lm 3.00c
Education Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 4.50c
Environment Statistics 2006	Lm 5.00c
Household Budgetary Survey	Lm 8.00c
Kultura 2000 - A Survey On Cultural Participation	Lm 3.00c
Malta in Figures 2002 (CD Rom)	Lm 2.00c
Malta in Figures 2005	Lm 2.00c
National Accounts of the Maltese Islands 1999	Lm 3.00c
Shipping and Aviation Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 4.50c
Social Protection in Malta - A Statistical Analysis of Social Protection Accounting 1998 – 2002	Lm 4.00c
Social Welfare - Orientated Non-Governmental Organisations - A Statistical Profile 2001	Lm 2.00c
Sports Organisations 2000 – 2002	Lm 3.00c
Survey on ICT Usage in Households 2002	Lm 2.00c
Trade Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 5.00c
Transport Statistics 2004 (CD Rom)	Lm 2.00c

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2005 on compact disc (CD)	Lm 6.00c
Annual Reports of Government Departments – 2005 on compact disc (CD)	Lm 5.00c
CHOGM & State Visit Highlights in pictures on compact disc (CD)	Lm 3.00c
Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998	Lm 1.00c
Code of Ethics for Members of the Judiciary	Lm 1.00c
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	Lm 1.80c
Diskors tal-*Budget* 2006	Lm 1.00c
Economic Survey 2005	Lm 2.00c
Electoral Register, April 2006	Lm10.40c
Electoral Register, Local Councils, April 2006	Lm40.35c
Estimates 2006	Lm 2.00c
Euro Changeover checklists for Business organisations	no charge
Final Report: Pensions – Adequate & Sustainable	Lm 3.50c
Financial Report 2005	Lm 3.00c
Guidelines for Special Examination Arrangements for Candidates with Particular Requirements	Lm 1.40c
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	50c
Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq	Lm 1.00c
Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti	Lm 1.00c
Legal Notices and Bye-Laws 2005 on compact disc (CD)	Lm 6.00c
Lejn Malta fl-Ewropa - minn Copenhagen sa Ateni	Lm 1.00c
Malta's Parliament – An Official History	Lm18.00c
Mid-Year Report by the Auditor General – Public Accounts 2005	Lm 1.75c
National Curriculum on its Way – Proceedings	Lm 2.40c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	25c
Performance Audit – Acquisition of Property by Government – Report by the Auditor General	Lm 1.75c
Performance Audit – Environment Protection Department – Countryside Section	Lm 1.50c
Performance Audit – Government Transport	Lm 1.50c
Performance Audit – Inventory Strategy and Distribution of Pharmaceutical Products – Health Division	Lm 1.75c
Performance Audit – Licensing and Testing Department	Lm 1.50c
Performance Audit – Museums Department – Promoting Heritage Sites	Lm 1.50c
Performance Audit – Managing Procurement – Road Construction and Restoration Projects	Lm 1.75c
Performance Audit – Preventing and Dealing with Pollution from Ships at Sea and Ports	Lm 1.50c
Performance Audit – Quality of Life for the Elderly at St. Vincent de Paul Residence	Lm 1.50c
Performance Audit – School Information System – Education Division	Lm 2.00c
Performance Audit – School Transport System – Education Division	Lm 1.50c
Performance Audit Report – The Functions of the Tax Compliance Unit	Lm 1.50c
Portfolio Assessments	Lm 4.00c
Preliminary Master Plan for the Euro Changeover in Malta	no charge
Public Service Management Code (6th Edition – December 2005)	Lm 7.00c
Rapport Finali – Pensjonijiet: Adekwati u Sostenibbli	Lm 3.50c
Report of the Auditor General – Public Accounts 2004	Lm 1.50c
Risk Management in Government Departments - An Audit Approach	Lm 1.50c
Subsidiary Legislation for the Year 2005	Lm22.00c
The Highway Code	Lm 1.00c
The Press Act	50c
The Registers of the Medical Council (Malta) 2005	Lm 3.00c
White Paper – Pensions Adequate & Sustainable	Lm 4.00c
Work and Activities of the National Audit Office 2005	Lm 1.00c

---

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta
These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*